MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 367/2009

**Eyetech Limited**

**Vs**

**Bay Catering Company Limited**

## Il-Qorti:-

Rat l-avviz prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tletin (30) ta' Settembru 2009, permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' tlett elef disgha mija w erbgha w disghin euro u sebgha w hamsin euro centezmi (EURO 3,949.57) rapprezentanti prezz ta' servizzi u/jew prodotti ordnati u moghtija lilhom fuq ordnijiet taghhom stess u li baqa' ma thallasx (skond prospett anness u mmarkat bhala Dok A) oltre l-imghaxijiet fuq is-somma kapitali kalkolati mid-data tal-fattura relattiva bl-oghla rata permessi mill-ligi.

Nonostante li giet interepellata thallas diversi drabi is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta 'n subizzjoni, nkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment ma dan ir-rikors.

Rat illi s-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal Stephen Agius datata tnax (12) ta' Jannar 2010 a fol. 11 tergo tal-process fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali ta' San Giljan, l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan u fl-indirizz moghti mis-socjeta attrici fl-avviz.

Rat illi s-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata permezz t'avviz li sar fil-Gazetta tal-Gvern nhar it-tmintax (18) ta' Jannar 2010 a fol. 12 tal-process.

Rat illi s-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata permezz t'avviz li deher fil-gazetta lokali 'In Nazzjon' tal-harga ta' nhar il-hamsa (5) ta' Frar 2010 a fol. 15 tal-atti odjerni.

Illi fis-seduta ta1-ghadra (10) ta' Marzu 2010 is-socjeta attrici pprezentat Kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Marzu 2010 is-socjeta konvenuta giet imsejjha diversi drabi izda baqa ma deher hadd, la biex jikkontesta t-talba tas-socjeta attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta attrici tirrisulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef disgha mija w erbgha w disghin euro u sebgha w hamsin euro**

**centezmi (EURO 3,949.57) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------